



Kumitat għall-Iżvilupp

2021/0312(NLE)

21.4.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (12640/2021 – C9-0006/2022 – 2021/0312(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Carlos Zorrinho

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ġie ffirmat f'Mejju 2016 għal perjodu ta' tmien snin li jiġġedded b'mod taċitu. L-ewwel Protokoll ta' erba' snin skada fit-13 ta' Ottubru 2020 u, minħabba r-restrizzjonijiet imposta mill-kriżi sanitarja, ġie estiż proviżjonament għal sena oħra, sat-13 ta' Novembru 2021. Bil-ħsieb li jiġi adottat Protokoll ġdid tal-SFPA, il-Kummissjoni Ewropea wettqet negozjati mal-Gvern tal-Gżejjer Cook.

Wara t-tlestita ta' dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid f'Lulju 2021 u daħal proviżorjament fis-seħħ f'Novembru 2021. Dan il-Protokoll ikopri perjodu ta' tliet snin u jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook f'konformità mal-pariri xjentifiċi u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paciċiku u l-Paciċiku Ċentrali (WCPFC), fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. L-għan huwa wkoll li tissaħħħah il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gżejjer Cook, sabiex jinħoloq qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll il-ġdid bejn l-UE u l-Gżejjer Cook jippermetti lill-fotta tal-UE tistad fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook għal speċijiet ta' tonn, għal total sa 7 000 tunnellata fis-sena, u jipprevedi opportunitajiet ta' sajd ta' erba' bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża sa 100 jum ta' sajd fis-sena, bil-possibbiltà li s-sidien tal-bastimenti jixtru 110 ijiem oħra fis-sena. Ġie stabbilit sforz annwali tas-sajd ta' referenza għal 100 jum/sena skont l-analiżi ta' qabdiet potenzjali fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, il-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli fl-ambitu tad-WCPFC.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-UE allokata għall-Protokoll hija EUR 700 000. Dan it-total jinqassam f'ammont annwali ta' EUR 350 000 għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd u EUR 350 000 oħra jen għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd u tal-politika marittima tal-Gżejjer Cook, li jirrappreżenta l-istess allokazzjoni għall-appoġġ settorjali bħal fil-protokoll preċedenti. L-SFPA u l-Protokoll tiegħu se jkomplu jikkontribwixxu għall-ġestjoni u għall-konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz tal-appoġġ settorjali għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-Gvern tal-Gżejjer Cook, partikolarmen il-pjan komprensiv tas-sajd, il-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira. L-interventi li jiġu ffinanzjati fl-ambitu tal-kompenent settorjali jiġu diskussi u maqbula miż-żewġ partijiet fi ħdan il-Kunitat Konġunt, li twaqqaf biex jimmonitorja l-applikazzjoni kemm tal-SFPA kif ukoll tal-Protokoll tiegħu.

Is-sajd huwa wieħed mis-setturi li jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija tal-Gżejjer Cook u, fid-dawl tal-impatt li ħalliet il-pandemija tal-COVID-19, għandu jikkostitwixxi prioritā fl-isforzi ta' rkupru, flimkien mal-ftuħ ta' opportunitajiet ekonomiċi sostenibbli ġodda li jistgħu jrawmu d-diversifikazzjoni u r-reżiljenza. Bil-għan li naslu għal irkupru rapidu u reżiljenti fil-pajjiż, se jkun fundamentali li jiġu appoġġati opportunitajiet ta' ekonomija tas-sajd ġodda, b'tali mod li jrawmu rabbit sinifikanti u effetti multiplikaturi f'bosta oqsma ekonomiċi u soċjali. Id-dħul miksub mill-Protokoll preċedenti, li ppermetta lill-Gvern tal-Gżejjer Cook itnejeb is-sistema ta' protezzjoni soċjali tiegħu, huwa eżempju tajjeb ta' dan l-effett. Barra minn hekk, l-appoġġ settorjali tal-UE kkontribwixxa għall-implimentazzjoni ta' politiki tas-sajd sostenibbli, partikolarmen biex itnejeb il-mezzi ta' sussistenza tas-sajjieda artiġjanali, u biex isahħħah il-

kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat. Ippermetta wkoll li jitjiebu l-istandard tas-sigurtà tal-ikel għall-konsum lokali tal-prodotti tal-baħar u għall-esportazzjonijiet.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-Protokoll għandu l-potenzjal li jippromwovi l-użu responsabbli u sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp ta' politika nazzjonali dwar is-sajd u ta' politika marittima fil-Gżejjer Cook u huwa fl-interessi taż-żewġ Partijiet. Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur jipproponi li l-Protokoll jiġi approvat.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fissem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook.

PROċEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2021–2024) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Šhubija dwarf is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjjer Cook
Referenzi	12640/2021 – C9-0006/2022 – 2021/0312(NLE)
Kumitat responsabbi	PECH
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 17.1.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Carlos Zorrinho 24.11.2021
Data tal-adozzjoni	19.4.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 20 - : 1 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Eric Andrieu, Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Chrysoula Zacharopoulou
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosa Estaràs Ferragut, Carlos Zorrinho

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
ECR	Ryszard Czarnecki, Beata Kempa
ID	Gianna Gancia
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Rosa Estaràs Ferragut, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé
Renew	Barry Andrews, Catherine Chabaud, Charles Goerens, Chrysoula Zacharopoulou
S&D	Eric Andrieu, Udo Bullmann, Mónica Silvana González, Pierfrancesco Majorino, Carlos Zorrinho
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana

1	-
The Left	Miguel Urbán Crespo

4	0
ID	Dominique Bilde
NI	Antoni Comín i Oliveres
Verts/ALE	Erik Marquardt, Michèle Rivasi

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni